MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta ta' 27 ta' Settembru, 2002

Citazzjoni Numru. 2174/2000/1

**Giovanni u Dolores MIRABELLA**

**vs**

**Colin BARTOLO, Francis *sive* Frank u Mary konjuġi Bartolo, Gasan Mamo Insurance Agency Limited f'isimha proprju u kif surrogata in rappreżentanza tas-Soċjeta' Assiguratriċi estera pertinenti għal dan il-każ, Allcare Insurance Agency Limited, f'isimha proprju u kif surrogata in rappreżentanza tas-Soċjeta' assiguratriċi estera pertinenti għal dan il-każ**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-29 ta' Settembru, 2000, li bih l-atturi ippremettew:

**<u>I - PREMESSI</u>**

1. Illi fl-ewwel lok issir referenza għal **CLAIM No.: MOO 3166** mas-Soċjeta' konvenuta Gasan Mamo Insurance Agency Limited;

2. Illi l-konvenut Colin Bartolo I.D. Nru 446880(M) fil-mument tal-inċident awtomobilistiku in kwistjoni li seħħ nhar isSibt, disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar, tas-sena kurrenti (2000), ħames minuti wara nofs il-lejl (00.05am), meta l-istess konvenut kien qed isuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni **LAN 586**, tal-għamla AUSTIN, ma kienx kopert b'Polza ta' Assigurazzjoni apparti mill-fatt illi kien unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku in kwistjoni;

3. Illi għandha ssir referenza għall-inċident awtomobilistiku in kwistjoni li jġib in-Numru Ref: **61N/403/2000** mal-Allcare Insurance Agency Limited, l-assiguraturi tal-atturi in kwistjoni, kif jirriżulta mill-anness dokument Dokument DM 1, li jġib id-data tal-wieħed u tletin (31) ta' Jannar, tas-sena elfejn (2000);

4. Illi, għaldaqstant, is-Soċjetajiet Assiguratriċi involuti huma Gasan Mamo Agency Limited, *de proprio et nomine* għall-konvenuti Frank u Mary konjugi Bartolo; kif ukoll l-Allcare Insurance Agency Limited, *de proprio et nomine*, għall-atturi konjugi Mirabella;

5. Ukoll illi l-vettura tal-għamla SIMCA, mudell MATRA, proprjeta' tal-atturi, u li kienet involuta fl-inċident awtomobilistiku in kwistjoni fejn ġiet iddikjarata *'total loss'* ġiet mibjugħa għall-prezz ta' erba' mitt lira maltin (Lm400) mill-konjuġi ANTHONY u JOSEPHINE CASSAR, kif kienet u 'tale quale' u dan seħħ nhar it-Tlieta, disgħa (9) ta' Mejju tas-sena elfejn (2000) a bazi ta' kopja fotostatika tad-dokument originali ta' dan il-bejgħ u li jġib id-data ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Mejju, 2000, hawn indikat u mehmuz mal-Elenku ta' Dokumenti bħala Dokument DM2;

6. Illi għandha ssir referenza għall-Ittra Gudizzjarja ipprezentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti nhar it-Tnejn, sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu, tas-sena elfejn (2000) mibgħuta lil ħames (5) intimati, erbgħa (4) minnhom il-

konvenuti odjerni, liema ħames intimati kollha ġew debitament notifikati kif jirriżulta minn kopja fotostatika tar-referti posittivi, mehmuza ma' l-Elenku ta' Dokumenti u indikata bħala Dokument DM3;

7. Illi, għaldaqstant, għandha ssir referenza għall-Ittra Gudizzjarja tas-27 ta' Marzu, 2000, u għal kontenut kollu li fiha, konsistenti f'ħames (5) pagni u ħdax-il (11) paragrafu, u li b'konsegwenża tagħha l-intimat Kummissarju tal-Pulizija inizja proċeduri kriminali kontra l-konvenut Bartolo Colin, li fil-mument tal-intavolar ta' din iċ-Ċitazzjoni odjerna dawn il-proċeduri kriminali għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ippreseduta mill-Maġistrat Dr Consuelo Scerri Herrera, LL.D., kawża differita għal nhar it-Tlieta, sbatax (17) ta' Ottubru, tas-sena elfejn (2000);

8. Illi n-Numru tal-File tal-Pulizija rigwardanti dan il-każ huwa **P.1277/2000**, b'dokument li jġib id-data tal-ħamsa (5) ta' Ġunju, tas-sena elfejn (2000);

9. Illi premess ukoll li l-proċeduri kriminali ittieħdu kontra l-konvenuti l-oħra Frank u Mary konjuġi Bartolo;

10. Illi fit-tnax (12) ta' April, tas-sena elfejn (2000), l-intimat Kummissrju tal-Pulizija kien bagħat Ittra Gudizzjarja lill-konjuġi Mirabella, l-atturi, kif jirriżulta mill-anness dokument hawn indikat bħala Dokument DM4, fl-Elenku ta' Dokumenti;

11. Illi din il-kawża tirrigwarda talba għad-danni u għal-likwidazzjoni tagħhom kagun ta' inċident awtomobilistiku li seħħ nhar isSibt, 29 ta' Jannar, 2000, ħames minuti wara nofs il-lejl (00.05am), u li għalih kien unikament responsabbi l-konvenut għazeb u mhux assigurat u anqas liċenzjat biex isuq BARTOLO COLIN li għandu n-Numru tal-Karta tal-Identita' 446880(M);

12. Illi l-inċident awtomobilistiku seħħ fi Triq il-Kullegg l-Antik gewwa San Giljan u l-Uffiċjal tal-Pulizija inkarigat mir-rapport kien PS 547 Martin Agius, Divizjoni: N;

13. Illi l-vettura tal-atturi kienet tal-għamla SIMCA, mudell MATRA, tip Sports u l-Polza tas-Sigurta' mal-Allcare Insurance Agency Limited iġġib in-numru **PC/00035** valida sal-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru tas-sena elfejn (2000), vettura ta' kulur aħmar bin-Numru tar-Reġistrazzjoni **LAC 628,** liema Allcare Insurance Agency qegħda tiġi ukoll debitament indikata bħala waħda mill-konvenuti f'din iċ-Ċitazzjoni odjerna, għal kull buon fin fil-fatt u fid-dritt;

14. Illi l-atturi sofrew ħsarat irreparabbli fil-vettura tagħhom, ħsarat li biex jissewwew fissru ammonti ta' madwar elfejn u ħames mitt lira maltin (Lm2500) u li l-valur tas-suq attwali tal-vettura (li ma tistax tintuza llum) huwa ta' madwar tmien mitt lira maltin (Lm800), apparti spejjeż oħra li setgħu kienu meħtiega u dana skond l-istima ta' John Callus - Motor Car Insurance Surveyor ta' Gasan Mamo Insurance Agency Limited, li qegħda ukoll tiġi indikata bħala konvenuta għal kull buon fin fil-fatt u fid-dritt, u *MINGHAJR PREGUDIZZJU* għad-drittijiet kollha tal-atturi konjuġi MIRABELLA:

15. Illi hawn issir referenza għad-Dokument DM 5 li jġib id-data tad-disgħa (9) ta' Frar, tas-sena kurrenti (2000), li huwa *Survey Report* magħmul minn John Callus u skond id-dettalji li jindika l-istess dokument;

16. Illi mill-iskittz tal-Pulizija (ir-rapport tal-Pulizija jġib ir-referenża tad-Distrett Numru: 6, Divizjoni: N, u Referenża Numru 6/N/403/2000) ma hemm lanqas farka dubju li t-tort tal-inċident awtomobilistiku kien tas-sewwieq tal-vettura bin-Numru tar-Reġistrazzjoni **LAN 586**, tal-għamla AUSTIN, mudell METRO, tip Saloon, u li għandha l-Polza tal-Assigurazzjoni bin-Numru 04115502LAN586 assigurata mal-konvenut Gasan Mamo Insurance Agency, u f'isem il-konvenut Francis Bartolo;

17. Illi l-konvenut iben il-konjuġi Bartolo ossia Colin Bartolo kien fil-mument tal-inċident qed isuq il-vettura u stante li dana għalaq ħamsa u għoxrin (25) sena fit-tlettax (13) ta' Marzu, tas-sena elfejn (2000), jirriżulta ċar li fil-

mument tal-inċident lanqas biss kien kopert b'polza tas-sigurta' u allura dan ikompli jzid mar-risponsabbilita' tal-konvenuti konjuġi Bartolo u ta' bihom Colin Bartolo u għal dan l-iskop kien ġie mgħarraf u notifikat ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija, kif fuq imfisser;

18. Illi jrid jiġi osservat li l-iskittz tal-Pulizija huwa relattivament vag u b'rispett lejn kulħadd huwa importantissimu li rapport ta' inċidenti bħal dawn ikunu iktar preċiżi u eżatti l-għaliex il-ħsara attwali li sofrew l-atturi ma tidhirx imfissra fuq l-iskittz;

19. Illi qegħda ssir referenża għal dokument hawn anness u indikat bhala <u>Dokument DM6</u>, li huwa dokument li fih ħames (5) faċċati u jkopru rapporti dwar l-inċident awtomobilistiku in kwistjoni, deskrizzjoni tal-inċident mis-sewwieqa involuti u kopja tal-iskittz, li għalih ġia' saret referenza aktar 'il fuq;

20. Illi fid-dawl ta' dwn iċ-ċirkostanzi, l-atturi qed jitolbu biex immedjatament jitħallsu mill-konvenuti Bartolo l-ammont tad-danni kollha illi soffew, li dwarhom issir elaborazzjoni fil-mori tal-kawża, kif ukoll kwalsiasi forma ta' spejjeż, Gudizzjarji u/jew Extra-Gudizzjarji li huma soffew b'riżultat tal-inċident in kwistjoni, kif ukoll fuq id-drittijiet kollha li ġew kostretti illi jħallsu intortament, kopranti l-imgħaxijiet fuq l-ammonti involuti u li huma diga' ħallsu;

21. Illi nonostante li l-konvenuti kollha ġew notifikati b'dawn il-fatti kif brevement hawn fuq indikati, il-konvenuti kollha baqgħu inadempjenti, u għalhekk fiċ-ċirkostanzi l-atturi ma kellhomx ebda triq oħra għajr illi jintavolaw din iċ-Ċitazzjoni odjerna;

22. Premess dan kollu, jgħidu l-konvenuti kollha kemm huma, jew minn min minnhom, għala din il-wisq Onorabbli Qorti m'għandhiex tifli, tevalwa, tillikwida, tiddeċiedi, taqta' u tordna:

**<u>TALBIET</u>**

(1) Illi l-inċident awtomobilistiku li seħħ nhar is-Sibt, 29 ta' Jannar, 2000, fil-00:05 am. bejn il-vetturi SIMCA, mudell MATRA, tip Sports u l-Polza tas-Sigurta' mal-Allcare Insurance Agency Limited iġġib in-Numru **PC/00035**, ta' kulur aħmar, bin-Numru tar-Reġistrazzjoni **LAC 628**, proprjeta' tal-atturi konjuġi MIRABELLA u il-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni **LAN 586**, tal-għamla AUSTIN, mudell METRO, tip Saloon, u li għandha l-Polza tal-Assigurazzjoni bin-Numru **04115502LAN586** assigurata mal-konvenut Gasan Mamo Insurance Limtied, f'isem il-konvenut Francis Bartolo, kien tort uniku tas-sewwieq konvenut COLIN BARTOLO, li jiġi iben il-konvenuti BARTOLO, u li l-imsemmi sewwieq la kien kopert b'polza ta' sigurta' u lanqas ma kien illiċenzjat biex isuq;

(2) Illi l-inċident awtomobilisitiku in kwistjoni li seħħ fi Triq il-Kulleg l-Antik ġewwa San Giljan kien ukoll responsabbilita' unika tal-konvenuti konjuġi Bartolo li kien imisshom raw li l-vettura proprjeta' tagħhom ma tiġix uzata jew utilizzata għall-objettivi abbuzivi kif seħħ fil-każ odjern, u illi għaldaqstant l-imsemmija konvenuti konjuġi Bartolo għandhom ukoll jiġu meqjusa bħala ko-responsabbli flimkien ma' binhom għall-inċident awtomobilistiku in kwstjoni;

(3) L-inċident awtomobilisitiku in kwstjoni seħħ b'tort tal-konvenut Colin Bartolo kif ukoll tal-konvenuti konjuġi Bartolo b'riżultat ta' nuqqas ta' osservanża tar-regolamenti tat-traffiku, negliġenża u traskuragni, apparti mill-ksur flagranti tal-Liġijiet li jirregolaw is-sewqan u t-traffiku f'pajjizna, kif jiġi ppruvat fil-mori ta' din il-kawża;

(4) B'riżultat tal-inċident awtomobilistiku fuq imsemmi u fuq deskritt, anke a bazi tad-dokumenti esebiti fl-Elenku ta' Dokumenti ma' din il-kawża odjerna, u dokumenti oħra li setgħu ġew esebiti ulterjorment fil-mori ta' din il-kawża, l-atturi soffew ħsarat kwasi irreparabbli għall-vettura tagħhom b'mod illi din ġiet iddikjarata prattikament '*scrap value*', għal liema danni sofferti mill-atturi, il-konvenuti kollha jew min minn minnhom,

għandhom jikkonpensaw u jirrimborzaw wara d-debita likwidazzjoni, dana l-ammont ta' danni lill-atturi odjerni;

(5) Għandu jiġl nominat Espert u Perit Tekniku biex minbarra li jisma' il-provi, jifli d-dettalji tekniċi dwar il-ħabta u d-danni ikkuagunati fil-vettura tal-atturi, liema Perit Tekniku jew Perit Legali nominat minn din l-Onorabbli Qorti għandu jillikwida dawn id-danni kif likwidati u sofferti mill-atturi;

(6) Il-konvenuti jew min minn minnhom għandhom iħallsu lill-atturi s-somma kollha li tirriżulta mill-provi kollha prodotti, u fejn għandu jingħata żmien fiss, qasir u perentorju dwar kif għandhom jitħallsu dawn id-danni u minn min, lill-atturi odjerni;

(7) Għandhom jitħallsu l-imgħaxijiet kollha dovuti lill-atturi sal-pagament effettiv u fuq is-somma kollha kif likwidata u kif tirriżulta fil-mori ta' din il-kawża odjerna;

(8) Għandhom jiġu maħtura Kuraturi Deputati jekk il-Qorti jidhirlha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi għall-eventwali kontumaċja tal-konvenuti jew min minn minnhom, u dana sabiex ma jintilifx ħin prezzjuz u biex l-atturi ma jibqgħux jiġu ippregudikati fl-interessi tagħhom;

(9) Fl-eventwali ta' kontumaċja, il-Kuraturi Deputati għandhom ikollhom il-fakultajiet kollha skond il-Liġi, biex il-proċeduri jibqgħu mexjin mingħajr tfixkil, għall-interess objettiv tat-talba preċedenti;

(10) L-atturi m'għandhomx ibagħtu ebda forma ta' spejjeż, la Gudizzjarji u anqas Extra-Gudizzjarji, li għandhom jiġu imposti fuq il-konvenuti jew min min minnhom, skond kif jirriżulta lill-Qorti a bazi tal-provi mressqa;

23. Bl-ispejjeż kollha Gudizzjarji u Extra-Gudizzjarji, kontra l-konvenuti kollha jew min minn minnhom, li minn <u>issa</u> l-konvenuti <u>kollha</u> huma u jiġu ingunti IN SUBIZZJONI;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi, flimkien mas-sitt (6) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fil-5 ta' Diċembru, 2000, li biha l-kumpannija mħarrka GasanMamo Insurance Agency Limited eċċepiet:

1. Illi hija m'hijiex il-leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna stante li trattandosi ta' azzjoni 'ex delictu' il-kawża kellha ssir biss kontra minn effettivamet ikkawża d-danni lill-atturi u cioe' s-sewwieq tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LAN 586, Colin Bartolo, u mhux kontra s-soċjeta' assikuratriċi li ħarget polza fuq il-vettura misjuqa minnu, u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda fil-konfronti tas-soċjeta' eċċipjenti bl-ispejjeż kontra l-atturi;

2. Illi inoltre u mingħajr pregudizzju għall-ewwel eċċezzjoni ai termini tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, min isofri danni f'inċident awtomobilistiku jingħata l-fakulta' li jipprezenta ittra uffiċjali kontra l-assikurazzjoni tas-sewwieq li jkun ikkawżalu d-danni sabiex jinfurmaha li prezenta kawża kontra l-assikurat tagħha u din l-ittra uffiċjali tintitolah jesegwixxi s-sentenza li jottjeni anki kontra l-istess assikurazzjoni u għalhekk is-soċjeta' eċċipjenti ġiet ċitata inutilment fil-kawża odjerna u m'għandhiex tbati spejjeż;

3. Illi inoltre u mingħajr pregudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, Colin Bartolo ma kienx kopert bil-polza ta' assikurazzjoni għall-inċident mertu tal-kawża stante illi l-polza ta' assikurazzjoni maħruga mis-soċjeta' eċċipjenti kienet tkopri biss 'any driver over 25' u Colin Bartolo kellu erbgħa u għoxrin sena (24) fid-data tal-inċident awtomobilistiku in kwistjoni u in vista tal-fatt li s-soċjeta' eċċipjenti debitament infurmat lill-attur b'dan permezz ta' ittra uffiċjali tas-16 ta' Mejju, 2000, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija GasanMamo Insurance Agency Limited;

Rat illi l-imħarrkin l-oħrajn, notifikati kif imiss b'kopja tal-Att taċ-¬itazzjoni u bl-Avviż tas-Smigħ fit-30 t'Ottubru, 2000[1], naqsu li jressqu Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u jidher li waqgħu kontumaċi;

Rat ir-Rikors imressaq mill-imħarrek Frank Bartolo fis-7 ta' Diċembru, 2000[2], li bih talab li jitħalla jressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet għar-raġunijiet hemm imsemmija;

Rat ir-Rikors imressaq fis-7 ta' Diċembru, 2000[3], mill-imħarrek Colin Bartolo li bih talab li jitħalla jressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet għar-raġunijiet hemm imsemmija;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-atturi fit-8 ta' Jannar, 2001[4], li biha opponew għat-talba tal-imħarrkin Bartolo, għar-raġunijiet hemm imsemmija;

Semgħet ix-xhieda tal-imħarrkin Colin u Frank Bartolo dwar in-nuqqas tagħhom li jressqu Nota tal-Eċċezzjonijiet;

Rat id-Degriet tagħha tat-3 t'April, 2001, dwar liema xiehda għandhom jitħallew jixhdu dwar l-episodju taħt eżami;

Rat id-Degriet tagħha tal-31 ta' Mejju, 2001[5], li bih ħatret bħala Assistent Ġudizzjarju tagħha lill-Avukat Dottor Maria Dolores Gauċi sabiex tisma' x-xhieda kollha tal-partijiet dwar il-kwestjoni tal-kontumaċja tal-imħarrkin Bartolo;

Rat il-verbali tax-xhieda mismugħa mill-imsemmija Assistant Ġudizzjarju, u kif ukoll il-verbali tas-seduti miżmuma minnha;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-8 ta' Jannar, 2002, fejn il-partijiet iddikjaraw li l-kawża setgħet tibqa' għas-sentenza

[1] Pa[[. 26 *tergo* u 27 tal-pro`ess
[2] Pa[[. 33-4 tal-pro`ess
[3] Pa[[. 35-6 tal-pro`ess
[4] Pa[[. 37 sa 48 tal-pro`ess
[5] Pa[[. 81-2 tal-pro`ess

dwar it-talba tal-imħarrkin Bartolo biex ineħħu l-kontumaċja tagħhom;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tat-8 ta' Jannar, 2002, tal-14 ta' Marzu, 2002, tal-25 t'April, 2002, tal-20 ta' Ġunju, 2002, u tas-27 ta' Ġunju, 2002, li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar il-kontumaċja tal-imħarrkin Bartolo;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża għal dikjarazzjoni ta' ħtija u għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni li l-atturi ġarrbu f'ħabta bejn żewġ karozzi f'San Ġiljan fid-29 ta' Jannar tal-2000. L-imħarrek Colin Bartolo, iben l-imħarrek l-ieħor Francis, kien qiegħed isuq waħda mill-karozzi involuti u l-attur kien qiegħed isuq l-oħra;

Illi l-kumpannija mħarrka GasanMamo Insurance Agency Limited (assikuratriċi tal-karozza misjuqa mill-imħarrek) laqgħat għall-azzjoni attriċi billi qalet li ma messhiex ġiet imħarrka skond il-liġl u li, fi kwalunkwe każ, il-polza tal-assikurazzjoni ma kinitx tkopri lill-imħarrek Colin Bartolo minħabba li, dak inhar tal-ħabta, kien taħt l-eta' assikurata bil-polizza fis-seħħ;

Illi l-imħarrkin l-oħrajn ma ressqux Nota tal-Eċċezzjonijiet;

Illi fir-Rikors tiegħu biex jitħalla jneħħl l-kontumaċja tiegħu, l-imħarrek Frank Bartolo isemmi bħala raġuni "kundizzjoni kronika mentali" li kien għaddej minnha dak iż-żmien u kif ukoll marda jew aħjar kondizzjoni medika ta' martu, li t-tnejn li huma nessewh għal kollox li kellu jressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi;

Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek Colin Bartolo talab li jsaffi l-kontumaċja tiegħu għar-raġuni li nduna li kien għalaqlu ż-żmien biex iressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet għaliex missieru kien qallu b'dan u li kien ħalla f'idejn missieru;

Illi hija ħaġa minn ewl id-dinja li r-raġunijiet imsemmija miż-żewġ imħarrkin iridu jitqiesu fuq livelli differenti għal kollox, partikolarment meta wieħed iżomm quddiem għajnejh x'tifsira ngħatat mill-kittieba u l-qrati matul iż-żmien lill-kontumaċja ta' persuna mħarrka;

Illi l-kwestjoni quddiem din il-Qorti hija dik li tirrigwarda l-kontumaċja tal-imħarrkin u mhux is-siwi tan-notifika lilhom tal-atti tal-kawża. Fl-ebda waqt ma ssemma li n-notifika ma kinitx sewwa, l-atti tal-kawża nfushom ma jagħtu l-ebda ħjiel li sata' tassew kien hemm xi ħaġa irregolari fin-notifika tal-atti tal-kawża li saret lill-imħarrkin, u fir-Rikorsi rispettivi tagħhom ma jallegaw l-ebda nuqqas f'dan ir-rigward. Ta' min jgħid li ma saret l-ebda talba minn jew f'isem l-imħarrka Mary Bartolo biex titħalla tneħħi l-kontumaċja tagħha. Għalhekk, din il-Qorti sejra tillimita ruħha għall-konsiderazzjoni tal-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja mitluba miż-żewġ imħarrkin Frank u Colin Bartolo biss;

Illi, kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni ta' l-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni[6], u l-bdil li sar fil-liġi proċedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naħa l-oħra, l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għamil li jistħoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi - bħala element ta' disordni soċjali[7];

Illi fuq ix-xaqliba l-oħra, u minħabba l-effett irriversibbli li l-kontumaċja ġġib magħha, il-Qrati tagħna ddeċidew li r-rigorosita' tal-proċedura għandha tiġi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma

---

[6] Ara App. ~iv. : **6.11.1959** fil-kaw\a fl-ismijiet ***{. {erada vs S. Attard*** (Kollez. Vol: **XLIII.i.545**)

[7] Ara App. ~iv.: **21.5.1993** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Joseph Vella pro et noe vs John Vella***

kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għal ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumaċja titqies ġustifikata[8];

Illi jrid jingħad ukoll li meta u jekk il-Qorti ssib li l-kontumaċja ta' persuna mħarrka hija ġustifikata u tħalli lil dik il-parti tressaq id-difiża tagħha, ma tkunx b'daqshekk biss titqies li qegħda tikkastiga lill-attur, imma biss treġġa' f'postu l-ekwilibriju tal-partijiet fl-aħjar istruzzjoni tal-ġudizzju. Wara kollox, kull min jiftaħ kawża kontra parti oħra (għalkemm forsi jittama għall-kuntrarju) dejjem jistenna li l-parti l-oħra, malli tirċievi l-atti taċ-Ċitazzjoni sejra tressaq il-kontestazzjoni tagħha;

Illi l-prinċipji li jirregolaw jekk il-kontumaċja hijiex bi ħtija jew le, ġew għadd ta' drabi mfissra u elenkati. Il-prinċipji huma li: (a) il-kontumaċja mhix ġustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuża[9]; (ċ) li jeħtieg li biex tkun ġustifikata tiġi murija raġuni ġusta għas-sudisfazzjon tal-Qorti; (d) liema raġuni ġusta trid tissarraf f'impediment leġittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaċi; minbarra dan, (f) sabiex żball ikun meqjus bħala impediment leġittimu, irid ikun żball invinċibbli b'mod li (ġ) l-impediment leġittimu li jżomm lill-parti milli tressaq id-difiża tagħha irid ikun dik li bnadi oħra ssejħet bħala *una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*; u (ħ) li l-impossibilita' li l-imħarrek jikkontesta t-talba jew li jidher għas-subizzjoni trid tkun gravi u fiżika, u eċċezzjonalment biss, waħda morali[10];

Illi sa minn dejjem, il-Qrati tagħna qiesu li jagħmlu differenza bejn il-kontumaċja ta' tort u dik ġustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa żminijiet riċenti u ddistingwew bejn il-konvenut li juri disinteress assolut u l-

---

[8] P.A.JSP : **4.7.1991** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Paul Vella pro et noe vs Anthony Ellul***

[9] Ara App. Inf.: **3.5.1943** fil-kaw\a fl-ismijiet ***G. Mer`ieca vs M. Mifsud*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.738**) u App. Inf. : **29.11.1958** fil-kaw\a fl-ismijiet ***A. ~ilia vs F. Farru[ia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.811**) u l-kaw\i hemm imsemmija

[10] Ara, per e\empju, App. ~iv.: **12.12.1975** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Paul Grixti vs Direttur tax-Xog]lijiet Pubbli`i***; u P.A. GV : **27.2.1995** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Joseph Naudi Montaldo noe vs Emmanuel Xuereb***

ieħor li juri kull fehma li jikkontesta l-kawża u li ma laħaqx għamel dan għal raġuni li ma kienx jaħti għaliha[11];

Illi dwar x'iwassal lil kontumaċja biex titqies bħala waħda kolpuża, din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell f'sentenza tagħha tas-**7 ta' Marzu, 1994**, fil-kawża fl-ismijiet Joseph Delceppo vs Onorevoli Raymond Bondin *et,* fejn ingħad li "il-kolpa tikkonsisti fl-omissjoni tal-konvenut li, in konformita' mad-doveri imposti mil-liġi, jonqos li jagħmel l-arranġamenti neċessarji, fid-dar u fil-post tax-xogħol, biex jaslu għandu l-ittri reġistrati li jaslulu, jew meta jagħmel dawk l-arranġamenti imbagħad jonqos li jsir jaf b'dak li suppost ikun jaf. . . . Il-każijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet pruvati tat-terzi persuni li jircievu l-atti bil-posta, jitolbu konsiderazzjoni oħra, u li jridu jiġu risoluti skond il-konkretezza ta' kull każ"*;*

Illi minbarra dan, il-prinċipju ewlieni tal-ħaqq naturali tal-*audi alteram partem* jitfa' responsabbilta' mhux żgħira fuq il-ġudikant li jgħarbel bl-akbar reqqa u qies xilja li twassal lil xi waħda mill-partijiet li tiġi miżmuma milli tressaq il-każ tagħha quddiem it-tribunal li jkun;

Illi, fid-dawl tal-osservazzjonijiet li għadhom kemm saru, il-Qorti jirriżultalha li: (a) kien l-imħarrek Frank Bartolo li laqa' personalment l-atti tal-kawża li kienu indirizzati lilu, lil martu u lil ibnu;  (b) li sa mill-1985 Frank Bartolo kien beda jieħu kura psikjatrika privata u,  fl-1998, beda jiġi kurat fit-taqsima relattiva fi sptar speċjalizzat għall-kondizzjonijiet mentali tiegħu li ġiet imfissra bħala "*depressive anxiety syndrome*", liema kundizzjoni tafettwa l-imġiba ta' dak li jkun imma ma taqtgħux mir-rejalta'  u jkun jaf x'inhu jagħmel, għalkemm waqt fażijiet tagħha tali persuna tista' ma tirreġistrax fatt partikolari u b'hekk tinsa dak il-fatt[12]; (ċ) għamel żmien qata' milli jieħu kura fl-isptar, imma reġa' beda jattendi f'April tal-2001[13]; (d) li

[11] P.A.: **9.12.1993** fil-kaw\a fl-ismijiet ***G. Beacom  vs  A. Spiteri Staines*** (Kollez. Vol: **LXXVII.iii.195**)

[12] Xhieda ta' Dr. J. Saliba, 31.5.2001, f'pa[[. 78-9 tal-pro`ess

[13] *Ibid.*, f'pa[. 76-7 tal-pro`ess

għadu jingħata medikamenti għall-kondizzjoni tiegħu[14]; (e) meta laqa’ għandu l-atti tal-kawża, kien ingħata suġġeriment biex imur bil-karti għand avukat[15]; u (f) li lit-tifel ma kienx qallu bil-karti tal-Qorti li kien hemm għalih;

Illi, kif ingħad qabel, iċ-ċirkostanzi li jolqtu lil kull wieħed miż-żewġ imħarrkin m’għandhomx jitqiesu fl-istess keffa ta’ miżien. Il-Qorti tibda biex tgħid li meta f’xi proċedura titressaq allegazzjoni ta’ mard ta’ xi waħda mill-partijiet, din titfa’ fuqha l-ħtieġa u d-dmir li tistħarriġha kif imiss. Il-Qorti ma tistax taqbad u taċċetta kull allegazzjoni, imma lanqas ma jidhrilha xieraq li tħares b’ċiniżmu jew disprezz lejn xilja bħal din (bħalma jidher li jagħmlu l-atturi bi kliem qawwi fit-tweġiba tagħhom) bla ma tifli sewwa jekk tali allegazzjoni għandhiex mis-sewwa. Min-naħa l-oħra, il-Qrati dejjem urew li lesti li jagħtu lil persuna li turi li tassew kellha raġunijiet tajba minħabba l-istat ta’ saħħitha, il-kreditu kollu biex titqies li ġġustifikat il-kontumaċja tagħha[16]. Mill-provi li tressqu f’din il-kawża, hija ħaġa ovvja li l-imħarrek Frank Bartolo huwa fattwalment milqut minn kondizzjoni li taffettwalu saħħtu u mġiebtu, u li din il-kondizzjoni kienet tolqot lilu wkoll fiż-żmien li laqa’ għandu l-atti tal-kawża. Il-Qorti tistqarr li hemm xi xejriet dubjużi dwar xi aspetti mill-imġiba tal-imħarrek minn mindu laqa’ għandu l-atti tal-kawża sakemm mar ikellem lill-avukat dwarhom, imma dan xejn ma jneħħi mill-fatt li, fil-fehma meqjusa tal-Qorti, hu kien affett minn kundizzjoni li tolqtu sewwa fit-tfassil organiżżattiv ta’ ħajtu. Is-sens ta’ ħaqq ma jħallix lill-Qorti li, f’dubji bħal dawn, bniedem f’qagħda bħal din jibqa’ jiġi mgħattan ‘l isfel u mċaħħad milli jiddefendi lilu nnifsu;

Illi, għal dak li jirrigwarda l-biżgħa tal-atturi dwar il-possibilita’ li l-imħarrek qiegħed jinqeda bil-kundizzjoni tiegħu biex lċaħħadhom milli jieħdu dak li jistħoqqilhom, il-Qorti tirrileva biss li f’kull waqt tal-kawża jeżistu meżżi kif it-tfixkil fit-tmexxija ‘l quddiem tal-proċess jista’ jiġi

[14] Dok “FB1”, f’pa[. 75 tal-pro`ess u dokti “FB2” sa “FB6”, f’pa[[. 85 sa 90 u “FB8” sa “FB12”, f’pa[[. 92-6 tal-pro`ess

[15] Xhieda ta’ Frank Bartolo 26.9.2001, f’pa[[. 98-9 tal-pro`ess

[16] Ara, per e\empju, P.A. RCP **31.5.2000** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Perit Edwin Calleja pro et noe vs Joseph Said***

mgħarbel kif imiss u jiġi mistħarreġ kull abbuż: dan ma tevitahx billi tagħlaq ħalq il-parti l-oħra;

Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dawn il-fatti msemmija u ssib li fil-każ tal-imħarrek Francis Bartolo, hemm raġuni tajba biżżejjed biex it-talba tiegħu tintlaqa' u jitħalla jressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet;

Illi, madankollu, mhux l-istess jista' jingħad għall-imħarrek Colin Bartolo. L-imġiba tiegħu f'dan il-każ ma tgħaddix mill-għarbiel ta' eżami ta' ġustifikazzjoni tal-kontumaċja kif imfisser aktar 'il fuq. Ladarba l-atti ġew notifikati kif trid il-liġi u mħollija fid-dar tal-imħarrek għand persuna li hija membru tal-familja tiegħu 'il fuq minn erbatax-il sena, jaqa' piż qawwi fuqu li jagħti raġuni tajba biex iwaqqa' l-kontumaċja tiegħu. Il-fatt waħdu li missieru naqas li jgħidlu li kienu waslu l-karti tal-Qorti, m'hijiex raġuni tajba, fil-fehma tal-Qorti. Dan jingħad għaliex huwa x'aktarx inverosimili li l-imħarrek ma jafx x'qed jiġri fid-dar tiegħu, u wkoll minħabba l-fatt li l-imħarrek ma kienx għal kollox sajjem minn proċeduri fil-qrati dwar l-istess każ;

Illi kienet tkun ħaġa ħafifa għal din il-Qorti li tieħu l-linja tal-anqas reżistenza u tagħti lill-imħarrek Colin Bartolo l-jedd li jressaq il-kontestazzjoni tiegħu, imma l-Qorti tħoss li, kieku għamlet hekk, kienet tkun qegħda tippremja lil min hu traskurat fit-tmexxija ta' ħwejġu u ġġib fix-xejn il-kriterji ta' premura li dawn il-Qrati ħaddnu biex jagħrfu kontumaċja ġustifikabbli minn waħda kolpuża, kif intwera iżjed 'il fuq f'din is-sentenza;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi dwar it-talba tal-imħarrkin Francis u Colin Bartolo biex jitħallew jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom billi:

**Tiċħad it-talba** tal-imħarrek Colin Bartolo, billi dan ma ressaq l-ebda raġuni tajba biex jiġġustifika l-kontumċja tiegħu;

**Tilqa' t-talba** tal-imħarrek Francis Bartolo, billi dan wera raġuni tajba biex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu; u

**Tagħti** lill-istess imħarrek Francis Bartolo għoxrin (20) jum millum biex iressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet.

L-ispejjeż ta’ dan l-episodju jitħallsu mill-imħarrek Colin Bartolo.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**27 ta’ Settembru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**27 ta’ Settembru, 2002**